Nru./No. 21,562
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 23 ta' Diċembru, 2025
Tuesday, 23rd December, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 16,703 - 16,711
Government Notices ..... *16,703 - 16,711*

Avviżi tal-Pulizija ..... 16,712 - 16,713
Police Notices ..... *16,712 - 16,713*

Avviżi tal-Gvern ..... 16,713 - 16,715
Notices ..... *16,713 - 16,715*

Offerti ..... 16,716 - 16,718
Tenders ..... *16,716 - 16,718*

Avviżi tal-Qorti ..... 16,718 - 16,754
Court Notices ..... *16,718 - 16,754*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 2025

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XLI tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 dwar l-Approprjazzjoni (2026); u

Att Nru XLII tal-2025 imsejjaħ l-Att tal-2025 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2025).

It-23 ta' Diċembru, 2025

Nru. 2026

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,556 tas-16 ta' Diċembru, 2025 (Avviżi Legali 286 sa 287) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,560 tat-22 ta' Diċembru, 2025 (Avviżi Legali 288 sa 290) rispettivament.

A.L. 286 tal-2025: Att tal-2025 li Jemenda l-Att dwar il-Kumpaniji (Att Nru Xviii tal-2025); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 287 tal-2025: Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji (Emenda Nru 2).

A.L. 288 tal-2025: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni tal-2025 dwar l-Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi.

A.L. 289 tal-2025: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni tal-2025 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

A.L. 290 tal-2025: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni tal-2025 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati.

It-23 ta' Diċembru, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 2025

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XLI of 2025 entitled the Appropriation (2026) Act, 2025; and

Act No. XLII of 2025 entitled the Second (2025) Appropriation Act, 2025.

23rd December, 2025

No. 2026

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,556 of 16th December, 2025 (Legal Notices 281 to 282) and Government Gazette No. 21,560 of 22nd December, 2025 (Legal Notices 288 to 290) respectively.

L.N. 286 of 2025: Companies (Amendment) Act, 2025(Act No. XVIII of 2025); Commencement Notice.

L.N. 287 of 2025: Companies Act (Cap. 386); Companies Act (Forms) (Amendment No. 2) Regulations, 2025.

L.N. 287 of 2025: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Adaptation of Laws (Wages Council Wage Regulation Orders) Order, 2025.

L.N. 288 of 2025: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); National Minimum Wage National Standard Order, 2025

L.N. 290 of 2025: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Wage Increase (Employees) National Standard Order, 2025

23rd December, 2025

Nru. 2027

ĦATRA TA' AĠENT REĠISTRATUR QRATI TA' GĦAWDEX U TRIBUNALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Margaret De Battista	Aġent Reġistratur, Qrati ta' Għawdex u Tribunali *Acting Registrar* *Gozo Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	19.12.2025 - 21.12.2025 il-jumejn inklużi *both days included*

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2027

APPOINTMENT OF ACTING REGISTRAR GOZO COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and the Reform of the Construction Sector has approved the following acting appointment.

23rd December, 2025

Nru. 2028

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, ġiet approvata l-ħatra bħala Assistent fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif ġej:

Elenku dwar l-Agrikoltura
Is-Sur Tony Mifsud
għal perjodu ta' 4 snin mit-22 ta' Settembru, 2025

Elenku Fiskali
Is-Sur Paul Bonello
Is-Sa Donatella Bugeja Schembri
Is-Sa Marisa Ciappara
Dott. Elena Borg Costanzi
Dott. Vincent Buhagiar
Is-Sur Anton Zammit
Dott. Jesmond Mugliett
għal perjodu ta' 4 snin mit-3 ta' Ottubru, 2025

Elenku dwar Ġurisdizzjoni Ġenerali
Dott. Antoine Naudi
Dott. David Fabri
għal perjodu ta' 4 snin mit-2 ta' Lulju, 2025

Elenku dwar Prodotti u Servizzi
Is-Sur John Mifsud
Dott. John Seychell Navarro
għal perjodu ta' 4 snin mit-2 ta' Lulju, 2025

No. 2028

ADMINISTRATIVE JUSTICE ACT (CAP. 490)

Panels on the Administrative Review Tribunal

IT is notified that in terms of the Administrative Justice Act, the appointment as Assistant within the Administrative Review Tribunal was approved as follows:

Agriculture Panel
Mr Tony Mifsud
for a period of 4 years from the 22 September, 2025

Fiscal Panel
Mr Paul Bonello
Ms Donatella Bugeja Schembri
Ms Marisa Ciappara
Dr Elena Borg Costanzi
Dr Vincent Buhagiar
Mr Anton Zammit
Dr Jesmond Mugliett
for a period of 4 years from the 3 October, 2025

General Jurisdiction Panel
Dr Antoine Naudi
Dr David Fabri
for a period of 4 years from the 2 July, 2025

Products and Services Panel
Mr John Mifsud
Dr John Seychell Navarro
for a period of 4 years from the 2 July, 2025

Elenku dwar it-Trasport
Is-Sur Alfred Perini
Is-Sur James Henry Pearsall
għal perjodu ta' 4 snin mit-2 ta' Lulju, 2025

It-23 ta' Diċembru, 2025
MJHA 166/2008/IV

Transport Panel
Mr Alfred Perini
Mr James Henry Pearsall
for a period of 4 years from the 2 July, 2025

23rd December, 2025

Nru. 2029

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat li kkontesta l-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, it-22 ta' Diċembru, 2025 għall-Kunsill Lokali ta' Il-Ħamrun biex jimtela l-post li tbattal mis-Sa Carmen Borg ma ġiex elett bħala Kunsillier peress li ma ġabx il-kwota meħtieġa.

J. GALEA
A/Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2029

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate who contested the casual election held on Monday, 22nd December, 2025 for the Local Council of Il-Ħamrun to fill the post vacated by Ms Carmen Borg was not elected as Councillor as he failed to obtain the required quota.

J. GALEA
A/Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

23rd December, 2025

Nru. 2030

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI
TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 526 tal-2018

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq Restawr ta' Bjar Domestiċi li jintużaw għall-ilma tax-xita – 2018/DW, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 526 tal-2018 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru, 2026.

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2030

REGULATOR FOR ENERGY
AND WATER SERVICES

Extension of Scheme established by means of Government Notice No. 526 of 2018

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant for the Restoration of Domestic Cisterns intended for rain water harvesting – 2018/DW, established by means of Government Notice No.526 of 2018 is being extended to 31st December, 2026.

23rd December, 2025

Nru. 2031

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI
TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1540 tal-2023

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq xiri ta' sistemi għal Użu Domestiku

No. 2031

REGULATOR FOR ENERGY
AND WATER SERVICES

Extension of Scheme established by means of Government Notice No. 1540 of 2023

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant for the purchase of Systems

li Jnaqqsu l-Konsum tal-Enerġija – sejħa 2023/RIDG, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1540 tal-2023 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru, 2026.

It-23 ta' Diċembru, 2025

Nru. 2032

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 484 tal-2024

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq xiri ta' apparat li jippurifika l-ilma fid-dar permezz ta' reverse osmosis u sistema ta' reverse osmosis b'reject water return system – 2024/RO, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 484 tal-2024 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru, 2026.

It-23 ta' Diċembru, 2025

Nru. 2033

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468 tal-2025

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq xiri ta' apparat li jippurifika l-ilma fid-dar permezz ta' activated carbon filter – 2025/TW, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 468 tal-2025 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2026.

It-23 ta' Diċembru, 2025

Nru. 2034

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Estensjoni tal-Iskema Stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 581 tal-2025

NGĦARRFU b'din illi l-iskema ffinanzjata mill-Gvern Malti: Għotja fuq xiri ta' apparat li jsahhan l-ilma fid-dar permezz ta' sistemi rinovabbli – 2025/WH, stabbilita bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 581 tal-2025 qiegħda tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru, 2026.

It-23 ta' Diċembru, 2025

for Domestic Use that Reduce the Consumption of Energy – 2023/RIDG call, established by means of Government Notice No. 1540 of 2023 is being extended to 31st December, 2026.

23rd December, 2025

No. 2032

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

Extension of Scheme established by means of Government Notice No. 484 of 2024

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant on the purchase of equipment to purify water at home by reverse osmosis and reverse osmosis system with reject water return – 2024/RO, established by means of Government Notice No.484 of 2024 is being extended to 31st December, 2026.

23rd December, 2025

No. 2033

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

Extension of Scheme by means of Government Notice No. 468 of 2025

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant on the purchase of equipment to filter water at home by activated carbon filters – 2025/TW, established by means of Government Notice No.468 of 2025 is being extended to 31st December 2026.

23rd December, 2025

No. 2034

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

Extension of Scheme by means of Government Notice No. 581 of 2025

IT is hereby notified that the scheme funded by the Government of Malta: A grant on the purchase of equipment to heat water at home by renewable means – 2025/WH, established by means of Government Notice No.581 of 2025 is being extended to 31st December, 2026.

23rd December, 2025

Nru. 2035

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Ordni għal Eżenzjoni mill-Applikazzjoni tal-Proviso għall-Artikolu 3(2)(B) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512), il-Ministru għall-Ekonomija, Intrapriża u Progetti Strategiċi għamel dan l-ordni li ġej:

Ir-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskills Pass għat-Turiżmu u l-Ospitalità (Emenda Nru 2) huwa b'dan eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar għar-raġuni li l-applikazzjoni tagħhom hija meħtieġa li tkun allinjata mad-dati stabbiliti fil-Politika dwar il-Migrazzjoni tax-Xogħol il-ġdida.

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2035

MINISTRY FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS

Application of the Proviso to Article 3(2)(B) of the Small Business Act (Exemption) Order

IN exercise of the powers conferred by article 18(1) of the Small Business Act (Cap. 512), the Minister for the Economy, Enterprise and Strategic Projects has made the following order:

The Tourism and Hospitality Skills Pass (Amendment No. 2) Regulations, 2025, are hereby exempt from the application of article 3(2)(b) of the Small Business Act for the reason that their application is required to be aligned with the dates set in the new Labour Migration Policy.

23rd December, 2025

Nru. 2036

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U T-TURIŻMU

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Iskills Pass għat-Turiżmu u l-Ospitalità (Emenda Nru 2), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti emendatorji"
Attività li se tkun regolata	Impjegati li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu u l-ospitalità jeħtieġu ċertifikazzjoni speċifika kif deskritta fir-Regolamenti dwar l-Iskills Pass għat-Turiżmu u l-Ospitalità, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali"
Entitajiet responsabbli	Istitut għal Studji Turistiċi

2. Taqsira u l-isfond

Wara t-tnedija tas-sistema tal-Iskills Pass fis-settur tat-Turiżmu u l-Ospitalità f'Mejju 2024 u fid-dawl tal-iżvilupp tal-Politika ta' Migrazzjoni għax-Xogħol il-ġdida, il-konsultazzjonijiet pubbliċi u mal-partijiet ikkonċernati wrew li l-estensjoni tal-ambitu ta' din l-inizjattiva tkun ta' benefiċċju għall-pajjiż.

Fil-fatt, wara l-imsemmija konsultazzjoni pubblika , il-Gvern ikkonferma li skills-based approach huwa essenzjali għas-suċċess fit-tul ta' Malta.

Għal dan l-għan, u sabiex jiġi żgurat l-allinjament ma' din il-politika riveduta, ir-regolamenti prinċipali qegħdin jiġu emendati.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) u l-Iskeda III tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti emendatorji jikkonsistu f'sitt (6) regolamenti kif ġej:

Regolament 1: Titolu u bidu fis-seħħ

Regolament 2: Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali

Regolament 3: Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

Regolament 4: Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

Regolament 5: Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali

Regolament 6: Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali

4. Kummentarju

Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali ġie rivedut sabiex tiġi introdotta tifsira ġdida (jiġifieri "Kors ta' Integrazzjoni qabel it-Tluq"), li tirreferi għal kwalunkwe kors li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li ċittadini ta' pajjiżi terzi jattendu qabel ma jibdew jaħdmu f'Malta, u dan irrispettivament mis-settur li fih ikunu biħsiebhom jaħdmu. It-tifsira "ħaddiem tat-turiżmu u l-ospitalità" ġiet ukoll emendata sabiex tispeċifika li tapplika għal kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jippjana li jidħol Malta biex jaħdem fi stabbiliment tat-turiżmu u l-ospitalità, kemm jekk impjegat direttament kif ukoll indirettament minn dak l-istabbiliment.

Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali qiegħed jiġi emendat sabiex jipprovdi li huma biss dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu Malta, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti emendatorji, li jkollhom l-obbligu li jiksbu Skills Pass jekk biħsiebhom jaħdmu bħala ħaddiema fit-turiżmu u l-ospitalità.

Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali ġie aġġornat biex jinkludi rekwiżit addizzjonali, jiġifieri sabiex jiksbu Skills Pass l-applikanti jridu wkoll itemmu b'suċċess kwalunkwe Kors ta' Integrazzjoni qabel it-Tluq. B'żieda ma' dan, ir-regolament 4 ġie emendat biex jikkjarifika li Skills Pass temporanju għandu jkun validu għall-perjodi speċifikati fit-Taqsima I tat-Tieni Skeda.

L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali ġiet riveduta sabiex tneħħi referenzi għal korsijiet speċifiċi u issa tikkjarifika l-kategoriji ta' xogħol li għalihom l-Istitut għat-Turiżmu (ITS) se jwettaq assessjar tal-ħiliet.

It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali ġiet aġġornata biex tipprovdi lista ta' persuni eliġibbli għal Skills Pass temporanju, il-perjodu ta' validità ta' tali passes, u l-kategoriji ta' persuni li huma eżentati mill-obbligu li jiksbu Skills Pass.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Ir-regolamenti emendatorji għandhom jidħlu fis-seħħ fil-5 ta' Jannar 2026.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2036

MINISTRY FOR FOREIGN AFFAIRS AND TOURISM

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Legal Notice	Tourism and Hospitality Skills Pass (Amendment No. 2) Regulations, 2025, hereinafter referred to as "the amending regulations"
Activity to be regulated	Employees working in the tourism and hospitality industry require specific certification as described in the Tourism and Hospitality Skills Pass Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations"
Responsible entities	Institute for Tourism Studies

2. Summary and background

Following the launch of the Skills Pass system in the Tourism and Hospitality sector in May 2024 and in light of the development of the new Labour Migration Policy, public and stakeholder consultations have demonstrated that extending the scope of this initiative would be beneficial for the country.

Indeed, following the public consultation, the Government affirmed that a skills-based approach is essential for Malta's long-term success.

To this end, and to ensure alignment with the revised policy, the principal regulations are being amended.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations consist of six (6) regulations as follows:

Regulation 1: Citation and commencement

Regulation 2: Amends regulation 2 of the principal regulations

Regulation 3: Substitutes regulation 3 of the principal regulations

Regulation 4: Amends regulation 4 of the principal regulations

Regulation 5: Substitutes the First Schedule to the principal regulations

Regulation 6: Substitutes the Second Schedule to the principal regulations

4. Commentary

Regulation 2 of the principal regulations has been revised to introduce a new definition (i.e. "Pre-Departure Integration Course") referring to any course that the competent authorities may require third country nationals to obtain prior to employment in Malta, regardless of the sector in which they intend to work. The definition "tourism and hospitality worker" has also been amended to specify that it applies to any Third Country National who plans to enter Malta to work in a tourism and hospitality establishment, whether directly or indirectly employed by such establishment.

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

Regulation 3 of the principal regulations is being amended in order to provide that only third country nationals entering Malta after the coming into force of these amending regulations will be required to obtain a Skills Pass if they intend to work as tourism and hospitality workers.

Regulation 4 of the principal regultions has been updated to include an additional requirement, that is in order to obtain a Skills Pass,applicants must also successfully complete any Pre-Departure Integration Course. In addition, regulation 4 has been amended to clarify that a temporary Skills Pass shall be valid for the periods specified in Part I of the Second Schedule.

The First Schedule to the principal regulations has been revised to remove references to specific courses and now clarifies the job categories for which a skills assessment will be carried out by the Institute of Tourism Studies (ITS).

The Second Schedule to the principal regulations has been updated to provide a list of persons eligible for a temporary Skills Pass, the duration of validity for such passes, and categories of persons who are exempt from the requirement to obtain a Skills Pass.

5. Concluding sections

The amending regulations shall come into force on the 5th January, 2026.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

23rd December, 2025

Nru. 2037

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372) u ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Avviż Skont Artikolu 29(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, (Kap. 372); u Artikolu 73(2) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 29(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana u/jew tal-Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru d-Direttorat tal-Malta Tax and Customs Administration, Objections and Appeals, Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana FRN 1700, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviż/i maħruġa fuqhom.

Isem	*Referenza*
Mr Jason Anthony Farrugia	MT 1607-5524
MRF Europe Ltd	MT 1166-3932

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2037

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372) and VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)

Notice in terms of Article 29(1) of the Income Tax Management Act, Cap. 372; and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, (Cap. 406)

IN terms of the proviso to Article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Malta Tax and Customs Administration, Objections and Appeals Directorate, Block 1, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, FRN 1700, by not later than thirty days from the date of this publication to collect the notice/s issued on such persons.

Name	*Reference*
Mr Jason Anthony Farrugia	MT 1607-5524
MRF Europe Ltd	MT 1166-3932

23rd December, 2025

Nru. 2038

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Avviż Skont Artikolu 29(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, (Kap. 372); u Artikolu 73(2) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u/jew tal-Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan javża lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru l-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Verification and Audit Directorate, 7, Triq Il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviż/i maħruġa fuqhom.

Isem	*Referenza*
Assiservice Properties LTD Birkirkara	997709518 C 73504
GSP International Trading LTD	997333711 C 69083
KW10 Projects Company Ltd	994978326 C 47680
Ghaqda Kittieba Maltin	670240323
Ghaqda Duminku Mintoff	670240620
R & MV Ltd	997910318 C 75412

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2038

INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372)

Notice in terms of Article 29(1) of the Income Tax Management Act, Cap. 372; and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, (Cap. 406)

IN terms of the proviso to Article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Verification and Audit Directorate, Office of the Commissioner for Tax and Customs, 7, Triq il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, within thirty days of this notice to collect the notice/s issued on such persons/companies.

Name	*Reference*
Assiservice Properties LTD Birkirkara	997709518 C 73504
GSP International Trading LTD	997333711 C 69083
KW10 Projects Company Ltd	994978326 C 47680
Ghaqda Kittieba Maltin	670240323
Ghaqda Duminku Mintoff	670240620
R & MV Ltd	997910318 C 75412

23rd December, 2025

Nru. 2039

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
23.12.2025	€118.907	€1.811

It-23 ta' Diċembru, 2025

No. 2039

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

23rd December, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 279

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar it-Tlieta, 23 ta' Diċembru, 2025 mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza San Ġorġ, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia, Triq Sant'Indrija, Triq Palma, Triq Agius De Soldanis, Triq is-Suq, Pjazza l-Indipendenza (in-naħa tal-każin tal-Partit Laburista) u Triq San Ġużepp.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Għajnsielem

Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru, 2025 mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza 10 ta' Diċembru (iż-żona tal-parkeġġ maġenb l-entratura ta' Bethlehem f'Għajnsielem).

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Bormla

Mill-4.00 p.m. tal-Erbgħa, 31 ta' Diċembru, 2025 sal-4.00 a.m. tal-Ħamis, 1 ta' Jannar, 2026, hemm bżonn ta' clearance ta' ħames spazji ta' parkeġġ fi Pjazza Karmenu Bonnici.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Mhux se jkun hemm għeluq ta' toroq.

Ix-Xagħra

Nhar il-Ħamis, 1 ta' Jannar, 2026 mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Triq 28 t'April 1688, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja, Pjazza l-Vitorja u Pjazza Sant'Anton.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Birżebbuġa

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2026 mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m. u nhar il-Erbgħa, 7 ta' Jannar, 2026 mis-7.00 a.m. san-12.30 p.m., minn Triq il-Knisja.

POLICE NOTICE

No. 279

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Victoria, Gozo

On Tuesday, 23rd December, 2025 from 5.00 p.m. to 8.00 p.m., through Pjazza San Ġorġ, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia, Triq Sant'Indrija, Triq Palma, Triq Agius De Soldanis, Triq is-Suq, Pjazza l-Indipendenza (the side of the Labour Party's club) and Triq San Ġużepp.

Public transport may be affected.

Għajnsielem

On Friday, 26th December, 2025 from 8.00 a.m. to 8.00 p.m., through Pjazza 10 ta' Diċembru (parking area next to Bethlehem f'Għajnsielem's entrance).

Public transport may be affected.

Cospicua

From 4.00 p.m. of Wednesday, 31st December, 2025 to 4.00 a.m. of Thursday, 1st January, 2026, clearance of five parking spaces in Pjazza Karmenu Mifsud Bonnici is required.

Public transport will not be affected.

Road closures will not take place.

Xagħra

On Thursday, 1st January, 2026 from 4.00 p.m. to 7.00 p.m., through Triq 28 t'April 1688, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja, Pjazza l-Vitorja and Pjazza Sant'Anton.

Public transport may be affected.

Birżebbuġa

On Tuesday, 6th January, 2026 from 3.00 p.m. to 9.00 p.m. and on Wednesday, 7th January, 2026 from 7.00 a.m. to 12.30 p.m., through Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Jannar, 2026 mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq il-Kbira mill-Coronation Bar sa Misraħ San Filippu, Triq Sciortino kollha inklużi ż-żewġ karreġġjati u Misraħ San Filippu.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Diċembru, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 280

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Erbgħa, 24 ta' Diċembru, 2025 mill-5.15 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq l-Annunzjata, Triq il-Markiża, Triq Santa Katarina, Triq San Ġorġ, Triq San Ċiru, Vjal it-Torri, Triq l-Għelejjel, Triq Ta' Xlejli, Triq Filippu Castagna, Triq Raymond Caruana u l-pjazza ta' quddiem il-knisja.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Diċembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Public transport will not be affected.

Ħaż-Żebbuġ

On Sunday, 18th January, 2026 from 9.00 a.m. to 11.00 a.m., through Triq il-Kbira from Coronation Bar to Misraħ San Filippu, all of Triq Sciortino including both carriageways and Misraħ San Filippu.

Public transport will not be diverted.

Clearance is not required.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

23rd December, 2025

POLICE NOTICE

No. 280

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Gudja

On Wednesday, 24th December, 2025 from 5.15 p.m. to 7.30 p.m., through Triq l-Annunzjata, Triq il-Markiża, Triq Santa Katarina, Triq San Ġorġ, Triq San Ċiru, Vjal it-Torri, Triq l-Għelejjel, Triq Ta' Xlejli, Triq Filippu Castagna, Triq Raymond Caruana and the square in front of the church.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

23rd December, 2025

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sa nhar il-31 ta' Diċembru, 2025, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb fuq bin-numru tat-telefown 2556 4134 bejn id-9.30 a.m. sas-2.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by 31st December, 2025, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained on telephone number 2556 4134 between 9.30 a.m. and 2.30 p.m., or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Peugeot	308	Griż	FLY116	Ħad-Dingli
NIU	e-scooter	Iswed	*3ARFNJ	Il-Ħamrun
Peugeot	308	Aħdar	GLY428	Il-Ħamrun
Hyundai	i10	Aħmar	EH910LL	Is-Swieqi
Toyota	Aygo	Griż	LCO136	Ħal Qormi

It-23 ta' Diċembru, 2025

23rd December, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Laqgħa Pubblika Annwali

Skont l-artikolu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), ser issir laqgħa pubblika annwali nhar it-Tnejn 5 ta' Jannar, 2026, fil-Kunsill Lokali Ħal Għargħur, Sala tal-Kunsilli Lokali, 32, Triq San Nikola, Ħal Għargħur, fil-5.30 p.m.

Ir-residenti kollha mniżżla fl-aħħar edizzjoni tar-reġistru elettorali għal-lokalità ta' Ħal Għargħur huma mistiedna jattendu. Min jixtieq jagħmel xi mistoqsijiet/suġġerimenti jista' jagħmel dan billi jibgħat imejl fuq (gharghur.lc@gov.mt), jew billi jibgħat ittra bil-miktub għall-attenzjoni tas-Sindku, Kunsill Lokali Ħal Għargħur, 32, Triq San Nikola, Ħal Għargħur, sa nofsinhar tal-Erbgħa, 31 ta' Diċembru, 2025.

It-23 ta' Diċembru, 2025

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Monday 5th January, 2026, at Ħal Għargħur Local Council, Local Council Hall, 32, Triq San Nikola, Ħal Għargħur, at 5.30 p.m.

All residents listed in the last edition of the electoral register for the locality of Ħal Għargħur are invited to attend. Those who would like to put forward any questions/suggestions may do so by sending an email to (gharghur.lc@gov.mt), or by sending a letter in writing to the attention of The Mayor, Ħal Għargħur Local Council, 32, Triq San Nikola, Ħal Għargħur, by noon of Wednesday, 31st December, 2025.

23rd December, 2025

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 OCTOBER 2025

	€		€
Gold and gold receivables	33,238,492	Banknotes in circulation	1,894,132,520
Claims on non-euro area residents in fcy	1,255,720,736	Liabilities related to monetary policy operations	3,616,253,822
Claims on euro area residents in fcy	250,654,737	Other liabilities on euro area credit institutions in euro	7,563,618
Claims on non-euro area residents in euro	939,892,791	Debt certificates issued	-
Lending related to monetary policy operations	69,000,000	Liabilities to other euro area residents in euro	1,079,627,560
Other claims on euro area credit institutions in euro	230,174	Liabilities to non-euro area residents in euro	33,557,343
Securities of euro area residents in euro	2,776,943,570	Liabilities to euro area residents in fcy	424,818,815
General government debt in euro	-	Liabilities to non-euro area residents in fcy	-
Intra-Eurosystem claims	2,560,167,056	Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	299,708,619
Items in course of settlement	2,501,317	Intra-Eurosystem liabilities	499,366,475
Other assets	641,713,870	Items in course of settlement	-
		Other liabilities	144,773,603
		Provisions	94,131,253
		Revaluation accounts	41,663,586
		Capital and reserves	394,465,529
	8,530,062,743		**8,530,062,743**

AMY CAMILLERI
HEAD
FINANCIAL CONTROL

MARYANNE ATTARD
CHIEF OFFICER
FINANCIAL CONTROL AND RISK

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 8 ta' Jannar, 2026.

Avviż Nru 36. Bejgħ tale quale ta' sit u struttura fi Sqaq l-Imnieqa, in-Naxxar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2025_1114_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,378 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sebgħa u tletin elf u tmien mitt ewro (€137,800) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 37. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsin (50) sena għall-fond kummerċjali tale quale f'Nru 145, Triq San Ġorġ, San Ġiljan, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2005_275. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €20,940 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u disa' mija u tmenin ewro (€6,980) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta

Avviż Nru 38. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' sit tale quale fi Triq il-Qarnit u Triq il-Marfa, il-Mellieħa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2024_0752_A. Din il-proprjetà hija suġġetta għal aċċess pubbliku bejn Triq il-Qarnit u Triq il-Marfa jeskludi l-ewwel livell minn Triq il-Marfa u s-sulari ta' fuq. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlieta u ħamsin elf u seba' mija u tmienja u għoxrin ewro (€53,728) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender'

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 8th January, 2026.

Advt No. 36. Sale tale quale of a site and structure Sqaq l-Imnieqa, Naxxar, as shown edged in red on the plan P.D.2025_1114_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,378 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and thirty-seven thousand and eight hundred euro (€137,800) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 37. Grant on a temporary emphyteusis for a period of fifty (50) years of the commercial premises tale quale at No. 145, Triq San Ġorġ, St Julian's, as shown edged in red on the plan P.D. 2005_275. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for the amount of €20,940. Offers below the amount of six thousand and nine hundred and eighty euro (€6,980) per annum will not be accepted. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 38. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the site tale quale at Triq il-Qarnit and Triq il-Marfa, Mellieħa, as shown in red on the plan P.D. 2024_0752_A. This property is subject to a public access between Triq il-Qarnit and Triq il-Marfa and excluding level 1 from Triq il-Marfa and overlying floors. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty-three thousand and seven hundred and twenty-eight euro (€53,728) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where

fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-23 ta' Diċembru, 2025

AWTORITÀ TAD-DJAR

L-Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:-

Offerti magħluqin għall-avviżi ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Jannar, 2026.

Avviż Nru. 15/2025. Bejgħ tale quale ta' porzjon ta' art fi triq l-Imtarfa, Mtarfa bil-kejl ta' ċirka erba' mija u ħamsa u tletin metri kwadri (435mk), u liema porzjon tikkonfina min-Nofsinhar ma' Triq l-Imtarfa, mil-Lvant ma' proprjetà ta' terzi, u mill-Punent ma' proprjetà tal-Awtorità jew l-aventi kawża tagħha, jew irjieħ aktar verjuri u preċiżi. Offerti taħt €165,157 ma jiġux ikkunsidrati. Dan l-avviż huwa suġġett għad-dritt tal-ewwel rifjut. Dan il-bejgħ huwa suġġett għall-kundizzjonijiet fosthom li l-art ma tiġix żviluppata mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Awtorità, u f'każ ta' żvilupp, x-xerrej ikun kostrett iħallas is-somma addizzjonali ta' bejn l-offerta mitfugħa u l-valur stmat mill-Awtorità ta' €363,150.

Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta u jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

It-23 ta' Diċembru, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

Espressjoni ta' Interess

Sa nofsinhar tat-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2026 fl-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill lokali jintlaqgħu applikazzjonijiet għal:

L-amministrazzjoni tal-pitch tal-futbol f'Ħal Safi skont id-dokument SFI 51 – 01/2025.

Id-dokumenti għal din l-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-uffiċċju amminstrattiv tal-kunsill lokali waqt il-ħinijiet normali tal-uffiċċju.

It-23 ta' Diċembru, 2025

these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

23rd December, 2025

HOUSING AUTHORITY

The Housing Authority notifies that:

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana by 10.00 a.m. on Monday, 5th January, 2026 for:

Advt No. 15/2025. Sale tale quale of portion of land in Triq l-Imtarfa, Mtarfa, measuring approximately four hundred and thirty five meters squared (435msq), and which portion is bound from the South with Imtarfa Street, from the East with property of third parties, and from the West with property of the Housing Authority or its successors in title, or more accurate boundaries. Offers below €165,157 will not be considered. This advert is subject to right of first refusal. This sale is subject to conditions including prohibition on development without the prior written consent of the Housing Authority, and in case of development, the owner will become liable to pay an additional sum amounting to the difference between the offer made and the value determined by the Housing Authority of €363,150.

A fee of €50 will be charged for the tender documents and can be obtained from the Housing Authority's office.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

23rd December, 2025

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

Expression of Interest

Call for applications will be received at the local council's administrative offices up to noon of Tuesday, 6th January, 2026 for:

The adminstration of the football pitch in Ħal Safi in accordance to document SFI 51 – 01 – 2025.

Documents can be collected from the administrative local council's office during normal working hours.

23rd December, 2025

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar jgħarraf li:

Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Jannar, 2026, għal:

Avviż Nru ZLC 3/2025. Tindif u manutenzjoni ta' toroq mhux urbani.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista'jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-23 ta' Diċembru, 2025

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żabbar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħaż-Żabbar Local Council through ePPS, by not later than noon on Friday, 23rd January, 2026, for the:

Advt No. ZLC 3/2025. Cleaning and maintenance of non-urban roads.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

23rd December, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

3147

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Diċembru 2025 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3161/2025, fl-ismijiet Pitch 16 Limited et vs Marsaxlokk Aquatic Sports Club et, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carol Fenech u Eugenio Seychell a tenur ta' l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 10 ta' Lulju, 2025

Lil MARSAXLOKK AQUATIC SPORTS CLUB,

VICTOR FENECH

CAROL FENECH – K.I. 301177M ta' Triq it-Trunċiera, Ponta tal-Qrejten, Marsaxlokk

EUGENIO SEYCHELL – K.I. 446262M ta' Triq it-Trunċiera, Ponta tal-Qrejten, Marsaxlokk

Bil-preżenti ittra uffiċjali PITCH 16 LIMITED – C-94781, kif ukoll Justin Haber K.I. 278281M filwaqt li jaghmlu riferenza ghall-ftehim ta' lokazzjoni bid-data tal-27 ta' Frar, 2020 meta intom sinjuri, f'isem il-Club li tiegħu intom tokkupaw il-kariga ta' President, Segretarju u Teżorier rispettivament, krejtu ir-restaurant maghruf bhala "L-Lido", kif kien fil-kondizzjoni li kien dak iż-żmien ghal perjodu ta'

By means of a decree of the 10th December 2025 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3161/2025, in the names Pitch 16 Limited vs Marsaxlokk Aquatic Sports Club et, the following publication for the purpose of service on the respondents Carol Fenech and Eugenio Seychell was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 10th July, 2025

To MARSAXLOKK AQUATIC SPORTS CLUB,

VICTOR FENECH

CAROL FENECH – ID. 301177M of Triq it-Trunċiera, Ponta tal-Qrejten, Marsaxlokk

EUGENIO SEYCHELL – ID 446262M of Triq it-Trunċiera, Ponta tal-Qrejten, Marsaxlokk

With the present judicial letter PITCH 16 LIMITED – C -94781, as well as Justin Haber ID 278281M makes reference to the lease agreement dated 27th February, 2020 in terms of which you, in the name of the Club of which you hold the post of President, Secretary and Treasurer respectively, you have leased the restaurant known as "L-Lido", as it was in the condition that it was at that time for a period of fifteen

ħmistax-il sena bil-kera u kondizzjonijiet miftehma, intom, unilateralment u minghajr ma kontu bl-ebda mod intitolati skond il-liġi qbadtu u ghax hekk dehrilkom, mingħajr l-istituzzjoni ta' ebda proċeduri legali ghall-iżgumbrament tal-mittenti, itterminajtu l-istess kirja u ghaddejtu it-tmexxija attwali tal-istess restaurant lil Jason Sultana li qed jokkupah u jmexxih kontra ħlas lilkom, li issejjah u ġie kwalifikat bhal "kontribuzzjoni" mit-teżorier tal-istess Club, jergaw jgharrfukom illi dan l-aġir tagħkom huwa ghal kollox abużiv u illegali u ġià irreka u qed jirreka ġiornalment danni inġenti lill-mittenti li għalihom intom qed tinżammu, anke personalment, responsabbli minħabba li tali aġir huwa abbuż tal-poter da parte tagħkom.

Fin-nuqqas milli tirrimedjaw minnufih u tirritornaw il-pussess tar-restaurant fiżikament lill-mittenti huma sejrin imexxu kontra taghkom bl-opportuni proċeduri, inkluż dawk tal-mandati kawtelatorji.

Tant biex tagħrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 19 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

years against the payment of rent and agreed conditions, you, unilaterally and without being entitled in any way according to law, decided and without the institution of any legal procedures for the eviction of the interpellant, terminated the same lease and passed on the actual running of the same restaurant to Jason Sultana who is occupying it and running it against payment to you, referred to and characterized as a "contribution" by the Club's Treasurer, once again remind you that your behaviour is completely abusive and illegal and has already caused and is already causing significant damages to the interpellants for whom you are held, even personally, responsible because such behaviour is an abuse of power on your part.

Failing to remedy immediately and return the possession of the restaurant physically to the interpellants will leave them with no option but to proceed against you with the opportune procedures, including the request for the issuance of precautionary warrants.

So much for your own guidance.

With costs.

Registry of the Superior Courts today, 19th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3148

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Novembru, 2025 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3433/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Adrian Muscat Azzopardi pro et noe , ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija Malitah Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 29 ta' Lulju, 2025

Lil Adrian Muscat Azzopardi f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà Malitah Limited (C69803) u kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Artur Grendysa f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà Malitah Limited.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, il-Furjana, jinterpellakom ai termini ta' l-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) minn notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammonti segwenti rispettivament:

By means of a decree of the 21st November, 2025 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3433/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Adrian Muscat Azzopardi pro et noe, the following publication for the purpose of service on the respondent company Malitah Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 29th July, 2025

To Adrian Muscat Azzopardi in your own name and also as director for and on behalf of the company Malitah Limited (C69803) and deputy curators to represent the absent Artur Grendysa in his own name and also as director for and on behalf of the company Malitah Limited C69803).

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act of the following amounts respetively:

i) In kwantu għal Adrian Muscat Azzopardi (KI 0353380M) f'ismek personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà Malitah Limited (C69803), il-ħlas tal-ammonht ta' €213,345.90;

ii) In kwantu għal Artur Grendysa (Passaport Pollakk Nru ED8311604) f'ismu personali kif ukoll bħala direttur għan-nom u in rapprezetnanza tas-soċjetà Malitah Limited (C69803), il-ħlas tal-ammont ta' €97,895.82, rappreżentanti l-ammonti rispettivi dovuti minnkom skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament,

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu ezekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tagħkom permezz ta' l-Avviz li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li ser jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Notifika: Malitah Limited – 40 Villa Fairholme, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex,

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum, 19 ta' Diċembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

i) As for Adrian Muscat Azzopardi (ID 0353380M) in his own name and also as director for and on behalf of the company Malitah Limited (C69803), the amount of €213,345.90;

ii) As for Artur Grendysa (Polish Passport Number ED8311604) in his own name and as director for and on behalf of the company Malitah Limited (C69803), the payment of the amount of €97,895.82, representing the respective amount due by you in terms of the same Act.

With costs and interest according to the same Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Notification: Malitah Limited – 40 Villa Fairholme, Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex,

Registry of the Superior Courts today, 19th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3149

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 154/2025AL fl-ismijiet Lara Vassallo Pirotta vs Keith Anthony Vassallo, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Keith Anthony Vassallo a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta rikors ġuramentat fl-ismijiet Lara Vassallo Pirotta (KI 508785M) vs Keith Anthony Vassallo (KI 545182M) fl-atti tar-rikors guramentat Numru 154/2025AL, ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrenti Lara Vassallo Pirotta (KI 508785M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli esklussivament lill-

By means of a decree of the 30th October, 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Lara Vassallo Pirotta vs Keith Anthony Vassallo, Application Number 154/2025AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Keith Anthony Vassallo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an Application in the records of the sworn application Number 154/2025AL in the names Lara Vassallo Pirotta (ID 508785M) vs Keith Anthony Vassallo (ID 545182M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 15th July, 2025, the applicant Lara Vassallo Pirotta (ID 508785M) requested this Honourable Court to:

1. Declare and pronounce the personal separation between the parties for reasons imputable exclusively to

intimat Keith Anthony Vassallo kif fuq ingħad u minħabba inġurji, theddid, eċċessi u servizzi kommessi mill-konvenut fuq martu l-attriċi u sussidjarjament minħabba li ż-żwieg tkisser irrimedjabbilment, u għall-finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat li minnha huwa kien ħati tal-firda;

2. Tawtoriżża lill-attriċi tgħix separatament minn mal-konvenut;

3. Tawtoriżża lill-attriċi sabiex tibqa' tabita esklussivament fid-dar matrimonjali ġewwa 21, "Sunshine", appartament numru 2, Triq il-Bużbież, il-Mosta, ad esklużjoni tal-konvenut illi jiġi għalhekk ordnat jiżgombra mill-imsemmija dar fiż-żmien stabbilit appożitament minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri – omissis - esklussivament lill-attriċi u tawtoriżżaha tagħmel dawk l-atti kollha fir-rigward tat-trobbija tat-tifla minuri mingħajr il-firma jew il-kunsens tal-konvenut missierha;

5. Tawtoriżża lil attriċi sabiex tapplika weħedha għall-passaport għall-minuri mingħajr il-ħtieġa tal-firma jew awtoriżżazzjoni tal-intimat

6. Tiddikjara u tiddeċiedi ulterjorment illi l-minuri – omissis - għandha tabita u tirrisjedi unikament mal-attriċi;

7. Tiffissa manteniment għall-esponenti personalment u/jew għat-tifla minuri tal-partijiet skont il-bżonnijiet tagħha u l-mezzi u d-dħul ta' żewġha b'dan li l-manteniment għall-minuri għandu jibqa' jitħallas anki wara li l-minuri tagħlaq tmintax (18)-il sena u sakemm hija tibqa' taħt il-kura tal-attrici sakemm tibqa' tistudja full-time skont il-liġi; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u wkoll tordna lill-intimat jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-edukazzjoni u tas-saħħa ta' bintu minuri. Filwaqt li tiddikjara illi bl-aġir tiegħu l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob għall-manteniment mingħand martu l-esponenti;

8. Tordna li c-children's allowance u/jew kull benefiċċju ieħor rigward l-istess minuri jkunu perċepibbli lill-attriċi f'isimha biss, ad esklużjoni tal-konvenut;

9. Ixxolji, tittermina u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jiġu stabbiliti porzjonijiet in diviżjoni u assenjati lill-partijiet f'porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali, u tiġi stabbilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u bil-ħila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo

the respondent Keith Anthony Vassallo as above stated and due to insults, threats, excesses and services committed by the defendant on his wife the plaintiff and subsidiarily because the marriage irretrievably broke down, and for the purposes of Article 51 of Chapter 16 of the Laws of Malta in application of Article 48 of Chapter 16 of the Laws of Malta establish the date when the same defendant is to be considered of which he was guilty of separation;

2. Authorise the plaintiff to live separately from the defendant;

3. Authorise the plaintiff to remain exclusively in the matrimonial home at 21, "Sunshine", apartment number 2, Triq il-Bużbież, Mosta, to the exclusion of the defendant who is thus ordered to vacate the said house within the time duly established by this Honourable Court;

4. Grant the care and custody of the minor -omissis - exclusively to the plaintiff and authorise her to carry out all those acts as regards the upbringing of the minor daughter without the signature or consent of the defendant her father;

5. Authorise the plaintiff to apply on her own for the passport for the minor without the necessity of the signature or authorisation of the respondent

6. Declare and decide further that the minor – omissis - is to reside solely with the plaintiff;

7. Fix maintenance for the applicant personally and/or for the minor daughter of the parties according to her needs and the means and income of her husband so that the maintenance for the minor should continue to be paid even after the minor reaches eighteen (18) years of age and as long as she remains under the care of the plaintiff as long as she continues to study full-time according to law; with all those modalities of payment, including provision for the periodical increase to compensate for the cost of living and also order the respondent to contribute to the education and health expenses of his minor daughter. Whilst declaring that by his behaviour the respondent forfeited all right to ask for maintenance from his wife the applicant;

8. Order that the children's allowance and/or any other benefit regarding the same minor be perceptible to the plaintiff in her own name only, to the exclusion of the defendant;

9. Dissolve, terminate and share the Community of acquests between the parties and liquidate the same in such a manner that divided portions are established and assigned to the parties in unnecessarily equal portions, and establish a date from when the respondent is deemed to have forfeited any acquisition made by the work and skill of the applicants,

bl-opera ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjetà tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrappreżenta lill-intimat fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

10. Tiddividi l-ġid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

11. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponenti u tassenjahom lil-istess esponenti;

12. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

13. Tawtoriżża lil attriċi tirriverti kunjomha xebba "Pirotta";

14. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

15. Tawtoriżża lill-attriċi tirreġistra s-sentenza eventwali ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-Reġistru Pubbliku;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Lara Vassallo Pirotta vs Keith Anthony Vassallo (Rik Nru 154/2025AL) hija differita għas-27 ta' Jannar 2026 fid-9.30 a.m.

Esponenti: 21, Sunshine, Flat 2, Triq il-Bużbież, il-Mosta.

Notifika intimat – 21, Sunshine, Flat 2, Triq il-Bużbież, il-Mosta.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 19 ta' Diċembru, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and all this if necessary by the appointment of referees to assess the property of the parties and by the appointment of a notary to publish the opportune act and a curator to represent the respondent in the eventual default on the same act;

10. Divide the other common good of the parties not forming part of the Community of acquests;

11. Liquidate the paraphernal and dotal assets of the applicant and assign them to the same applicant;

12. Order the respondent to return to the applicant her paraphernal and dotal assets and credits;

13. Authorise the plaintiff to revert her maiden surname "Pirotta";

14. Apply in whole or in part against the respondent the effects of the provisions of Articles 48 to 53 of Chapter 16 of the Laws of Malta;

15. Authorise the plaintiff to register the eventual judgement of this Honourable Court in the Public Registry;

With costs against the defendant, who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Lara Vassallo Pirotta vs Keith Anthony Vassallo, Application Number 154/2025AL has been postponed for hearing to the 27th January 2026 at 9.30 a.m.

Applicant: 21, Sunshine, Flat 2, Triq il-Bużbież, Mosta.

Notification respondent – 21, Sunshine, Flat 2, Triq il-Bużbież, Mosta.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 19th December, 2025,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3150

Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Numru 165/2024AL fl-ismijiet Stefania Zammit vs Maria Rosaria sive Rosanne Abela et noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Rosaria sive Rosanne Abela a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Stefania Zammit (KI 370484M) vs Maria Rosaria sive Rosanne Abela (KI

By means of a decree of the 28th October, 2025 of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Stefania Zammit vs Maria Rosaria sive Rosanne Abela et noe, Application Number 165/2024AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maria Rosaria sive Rosanne Abela in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an Application in the records of the application Number 165/2024AL in the names Stefania

691455M), Dott. Mattia Felice u l-PL Gerald Bonello b'digriet tas-27 ta' Marzu, 2025 gew nominati kuraturi deputati sabiex jidhru għan-nom tad-defunt Felic sive Felix Grech (KI 415248M), Carmelo Alexander Gafà (KI 724758M) u Direttur tar-Registru Pubbliku fl-atti tar-rikors Numru 165/2024AL, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Awwissu, 2024, ir-rikorrenti Stefania Zammit (KI 370484M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat Carmelo Alexander Gafà huwa l-missier naturali tar-rikorrenti u mhux Felix Grech;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv 3704/1984 biex (i) l-isem Felix Grech jinbidel għal Carmelo Alexander Gafà; (ii) jinbidlu d-dettalji personali ta' Felix Grech għal dawk ta' Carmelo Alexander Gafà u (iii) taħt l-isem Rosanna il-kliem wife of the said Felix Grech jinbidlu għal wife of Felix Grech;

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jikkoreġi ċ-ċertifikat taz-żwieġ tar-rikorrenti bin-numru progressiv 656/2010 biex l-isem Felix Grech jinbidel għal Carmelo Alexander Gafà;

4. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti – omissis - bin-numru progressiv 3854/2006 biex l-isem Felix Grech jinbidel għal Carmelo Alexander Gafà;

5. Tordna lill-intimati jew min minnhom biex iħallsu l-ispejjeż ta' din il-kawża, inkluż dawk tat-test tad-DNA.

U dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprovdi.

Il-kawża fl-ismijiet Stefania Zammit vs Maria Rosaria Abela et (Rik Nru 165/2024AL) hija differita għat-22 ta' Jannar 2026 fid-9.30 a.m.

Rikorrenti: 376, Theatre of Dreams, Flat 2, Triq il-Kanun Santa Venera.

Notifika Rosaria Abela sive Rosanne Abela 16, Triq Joseph Stivala, Paola.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 19 ta' Diċembru 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Zammit (ID 370484M) vs Maria Rosaria sive Rosanne Abela (ID 691455M), Dr Mattia Felice and LP Gerald Bonello by means of a decree of the 27th March ,2025 were nominated deputy curators to represent the late Felic sive Felix Grech (ID 415248M), Carmelo Alexander Gafa (ID 724758M) and Director of Public Registry filed in the Civil Court (Family Section), on the 8th August 2024, the applicant Stefania Zammit (ID 370484M) requested this Honourable Court to:

1. Declare that the respondent Carmelo Alexander Gafà is the natural father of the applicant and not Felix Grech;

2. Order the Director Public Registry to correct the birth certificate of the applicant with progressive number 3704/1984 to (i) the name Felix Grech be changed to Carmelo Alexander Gafà; (ii) changing the personal details of Felix Grech to those of Carmelo Alexander Gafa 'and (iii) under the name Rosanna the words wife of the said Felix Grech are changed to wife of Felix Grech;

3. Order the Director Public Registry to correct the certificate of the applicant's marriage with progressive number 656/2010 so that the name Felix Grech be changed to Carmelo Alexander Gafà;

4. Order the Director Public Registry to correct the certificate of birth of the applicant's daughter – omissis – with progressive number 3854/2006 so that the name Felix Grech be changed to Carmelo Alexander Gafà;

5. Order the respondents or either of whom to pay the costs of this cause, including those of the DNA test.

And this under any appropriate and opportune provision that this Honourable Court deems fit to provide.

The application in the names Stefania Zammit vs Maria Rosaria sive Rosanne Abela et noe, Application Number 165/2024AL has been postponed for hearing to the 22nd January, 2026 at 9.30 a.m.

Applicant: 376, Theatre of Dreams, Flat 2, Triq il-Kanun Santa Venera.

Notification Rosaria Abela sive Rosanne Abela 16, Triq Joseph Stivala, Paola.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 19th December, 2025,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet it-Tabib Joseph Louis Sant Cassar et vs Vijay Vaswani et, Rikors Nru 270/2025CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Vijay Vaswani u Mediterranean Asian Investments Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet It-Tabib Joseph Louis Sant Cassia (KI 886546M), l-Avukat Dottor Francis Lanfranco (KI 381250M) u Maria Arrigo, armla tal-Imħallef Noel Arrigo (KI 498049M) vs Vijay Vaswani (KI 143683M), Mediterranean Asian Investments Limited (C87163) għal kull interess li jista' jkollha u l-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil bħala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tas-sidien injoti u b'digriet tat-18 ta Novembru, 2025 Dott. Martin Fenech gie sostitwit b'Dr Mattia Felice, pprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fid-26 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrenti it-Tabib Joseph Louis Sant Cassia (KI 886546M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna illi din il-kawża tinstema' bil-proċeduri sommarji u dan peress li jikkonkorru l-elementi necessarji a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara u jiddeciedi li l-intimat Vijay Vaswani ma' jistax jibqa' jistrieħ fuq id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69) sabiex jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 33 bl-isem Gopaldas fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta.

3. Jiddikjara u jiddeċiedi li għalhekk ir-rikorrenti mhumiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond 33 bl-isem Gopaldas fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta, lill-istess intimat, biex b'hekk huma ntitolati jieħdu lura l-pussess sħiħ u immedjat tal-istess fond;

4. Konsegwentement jiddikjara u jiddeciedi illi l-istess intimat ma jistax jibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond 33 bl-isem Gopaldas fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta stante illi l-kirja ġiet terminata ex lege ai termini tal-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ġaladarba ġiet reża nulla u bla effett fil-liġi minħabba li kienet saret ai termini tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap 69) liema lokazzjoni tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif deċiż bis-sentenza deċiża finalment mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u dan skont sentenza surreferita u kull ġurnata in okkupazzjoni qed tikkawza danni lill-istess rikorrenti.

5. Jordna lill-intimat Vijay Vaswani, sabiex jiżgombra mill-fond 33 bl-isem Gopaldas fi Triq ir-Repubblika fil-Belt

By means of a decree of the 6th November, 2025 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Doctor Joseph Louis Sant Cassia et vs Vijay Vaswani et, Application Number 270/2025CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Vijay Vaswani and Mediterranean Asian Investments Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Doctor Joseph Louis Sant Cassia (ID 886546M), Advocate Doctor Francis Lanfranco (ID 381250M) and Maria Arrigo, widow of Judge Noel Arrigo (ID 498049M) vs Vijay Vaswani (ID 143683M), Mediterranean Asian Investments Limited (C87163) for any interest it may have and Advocate Doctor Dr Martin Fenech and Legal Procurator Jean Pierre Busuttil as deputy curators to represent the unknown owners and by means of a decree of the 18th November 2025 Dr Martin Fenech was substitued by Dr Mattia Felice, filed in the Rent Regulation Board, on the 26th August, 2025, the applicants Doctor Joseph Louis Sant Cassar (ID 886546M) et requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that this cause be heard by means of summary proceedings and this because there exist the necessary elements in terms of Article 16A of Chapter 69 of the Laws of Malta;

2. Declare and decide that the respondent Vijay Vaswani can no longer rely on the provisions of the Reletting of Urban Property Regulation Ordinance (Cap 69) in order to remain in occupation of the premises 33 named Gopaldas in Republic Street, Valletta.

3. Declare and decide that thus the applicants are not obliged to renew the lease of the premises 33 with the name Gopaldas in Republic Street, Valletta, to the same respondent, so that they are entitled to resume the full and immediate possession of the same premises;

4. Consequently declare and decide that the same respondent cannot remain in the occupation of the premises 33 with the name Gopaldas in Republic Street in Valletta since the lease was terminated ex lege in terms of Article 6 of the Constitution of Malta and Article 3 of the European Convention Act whilst it was declared null and without effect at law because it was made in terms of the Reletting of Urban Property Regulation Ordinance (Chapter 69) which lease violates the fundamental rights of the applicants as decided by the judgment finally decided by the First Hall Civil Court (Constitutional Jurisdiction) in terms of the judgment above mentioned and every day in occupation is causing damages to the same applicant.

5. Order the respondent Vijay Vaswani, to vacate the premises 33 with the name Gopaldas in Republic Street,

Valleta fi żmien qasir u perentorju li jigi lilhu iffissat minn dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riżerva għal azzjoni ulterjuri ta' danni kontra l-intimat Vaswani.

Rikorrenti – 15, Triq il-Palazz Capua, Tas-Sliema.

Intimat – Vijay Vaswani u Mediterranean Asian Investments Limited – 33 Gopaldas, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

Ir-rikors fl-ismijiet Tabib Joseph Louis Sant Cassar et vs Vijay Vaswani et, rikors numru 270/2025CG jinsab differit għat-8 ta' Jannar, 2026 fid-9.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 19 ta' Diċembru, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Valletta within a short and peremptory time fixed by this Honourable Board.

With costs and with reference to the oath of the respondent and reserving further action for damages against the respondent Vaswani.

Applicants – 15, Triq il-Palazz Capua, Tas-Sliema.

Respondents – Vijay Vaswani and Mediterranean Asian Investments Limited – 33 Gopaldas, Triq ir-Repubblika, Valletta.

The application in the names Doctor Joseph Louis Sant Cassia et vs Vijay Vaswani et, Application Number 270/2025CG has been postponed for hearing to the 8th January, 2026 at 9.40 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 19th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3152

Permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Novembru, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet CB Ten Limited vs Carmelo Mizzi, Rikors Nru 295/2025JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmelo Mizzi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet CB Ten Limited (C95728) vs Carmelo Mizzi (KI 524962M) pprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-16 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrenti CB Ten Limited (C95728) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimata skont il-kriterji legislattivi applikabbli;

2. Jiddikjara u jiddeciedi illi l-kera pagabbli mill-intimata lill-esponenti għall-lokazzjoni tal-fond numru 81, Block E, Marshall Court, Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira, għandha tigi riveduta għall-ammont li ma' jeccedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-istess fond b'effett mill-1 ta' Jannar, 2022 u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-istess lokazzjoni.

3. F'każ li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

a) Jordna l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond numru 81 Block E, Marshall Court, Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira entro terminu massimu ta' sentejn mis-sentenza; u

By means of a decree of the 24th November, 2025 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names CB Ten Limited vs Carmelo Mizzi, Application Number 295/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmelo Mizzi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an application in the names CB Ten Limited (C 95728) vs Carmelo Mizzi (ID 524962M) filed before the Rent Regulation Board, on the 16th September 2025, the applicant CB Ten Limited (C95728) requested this Honourable Board to:

1. Order that the means test of the respondent be carried out according to the applicable legislative criteria;

2. Declare and decide that the rent payable by the respondent to the applicant for the lease of the premises number 81, Block E, Marshall Court, Triq Manoel de Vilhena, Gzira, is to be revised to the amount which does not exceed 2% per annum of the free and open market value of the same premises with effect from the 1st January 2022 and in order to establish new conditions regarding the same lease.

3. In case the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test:

a) Order the eviction of the respondent from the premises number 81 Block E, Marshall Court, Triq Manoel de Vilhena, Gzira within a maximum period of two years from the judgment; and

b) Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas kumpens lill-esponenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu skont dawk il-kriterji li dan l-Onorabbli Bord jista' jiddetermina, liema kumpens annwali m'għandux ikun inqas mill-kera annwali riveduta ai termini tat-tieni talba.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat li qed jiġi inġunt minn issa stess għas-subizzjoni u mingħajr pregudizzju għad-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali tas-soċjetà esponenti u għal kwalsiasi rimedju ulterjuri li jista' talvolta jkun disponibbli lill-esponenti.

Rikorrent: Cattleya, Triq in-Narċis, Madliena, is-Swieqi, SWQ 1221, Malta.

Notifika intimat Carmelo Mizzi – 81, Block E, Marshall Court, Triq Manoel De Vilhena, il-Gżira.

Ir-rikors fl-ismijiet CB Ten Limited vs Carmelo Mizzi, Rikors numru 295/2025JG jinsab differit għas-26 ta' Jannar, 2026 fil-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 19 ta' Diċembru, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

b) Condemn the respondent to pay compensation to the applicant for the occupation of the premises during the said period according to those criteria that this Honourable Board determines, which annual compensation should not be less than the revised annual rent in terms of the second demand.

With costs at the expense of the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice to the rights of the applicant company in terms of the Constitution and the Convention and to any further remedy that may eventually be available to the applicant.

Applicant: Cattleya, Triq in-Narċis, Madliena, Swieqi, SWQ 1221, Malta.

Notification respondent Carmelo Mizzi – 81, Block E, Marshall Court, Triq Manoel De Vilhena, Gżira.

The application in the names CB Ten Limited vs Carmelo Mizzi, Application Number 295/2025JG has been postponed for hearing to the 26th January, 2026 at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 19th December, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3153

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fl-20 ta' Novembru, 2025, fuq talba ta' Jesmond Camenzuli et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Charles Vella Rapa fl-atti tar-Rikors numru 87/2024RM, fl-ismijiet Jesmond Camenzuli et vs Marina Vella Rapa u kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Jesmond u Simone konjugi Camenzuli (KI 555865M) u 411069M) rispettivament vs Marina Vella Rapa (KI 32459A) u kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Charles Vella Rapa (KI 125876M), ipprezentat fit-30 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Jesmond u Simone konjugi Camenzuli talbu bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti:

